Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 8 ta' Lulju 2024**

**Distrett Hamrun**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elisia Scicluna)**

**Versus**

**Mohamed Cheikh Ahmad**
**(609016L)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Mohamed Cheikh Ahmad**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 609016L;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-18 ta' Awwissu, 2022 gewwa Triq il-Kbira, San Guzepp, Hamrun u/jew band'ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin,

1. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika;

2. Minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra n-nies;

3. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil diversi persuni;

4. Hebb ghal diversi persuni sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara b'xi mod;

5. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PS825, PC 1218 u Spettur Roderick Spiteri, ufficjali pubblici waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkilhom jew indahlilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

6. Ha parti attiva f'gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-vittmi.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ghall-vittmi u dan ai termini tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati fl-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-affidavit l-iSpettur Roderick Spiteri jghid, illi fit-18 ta' Awwissu 2022 ghal habta ta' 12.30 waqt illi kien l-ghassa sema' hafna storbju gej minn barra u meta hares mit-tieqa ra li quddiem il-hanut Best Kebab fit-Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun kien hemm kommosjoni ta' diversi persuni jiggieldu bl-idejn. Kienu marru immedjatament biex iferrqu lil nies PC1218 u PS825, izda kien ta' xejn minhabba li kien hemm numru kbir ta' nies. Hu nizel mill-ewwel, u flimkien ma' PS825 irnexxielhom jiehdu invell tal-hadid li kien qieghed jintuza fil-glieda. Izda l-persuni m'obdewx l-ordnijiet tal-Pulizija u baqghu jiggieldu u kompliet teskala u bdew jaqbdu oggetti ohra ta' injam u hadid inkluz sikkina u b'hekk intalbet l-assistenza tal-RIU. Wara li giet ikkontrollata s-sitwazzjoni kien hemm zewg persuni feruti li ttiehdu l-isptar, Ziyab Alahmad li wara irrizulta illi kellu griehi gravi u Turki Ali li rrizulta illi kellu griehi hfief. Meta gie mitkellem Zijad Alahmad qal illi hu kien mar biex jiltaqa' ma' Turki Ali flimkien mal-kugin tieghu, peress illi kellhom dizgwit bejniethom fuq serqa. Waqt illi kienu hemm, l-ewwel mar il-kugin ta' Turki u wara ftit wasal van b'xi erba' minn nies li kienu armati u persuna bid-daqna, li wara kien identifikah bhala Abdullah Sheikh Ahdem li tah daqqa f'rasu li sturdieh. Hu qabbad bicca njama u nqalghet konfuzjoni u ma jafx x'gara ezatt. Riad Almahad, hu Ziyad, ikkonferma li kien mar il-Hamrun ghax

talbu huh u hemmhekk sab ukoll il-kugin Hamid li kienu qed  jitkellmu ma' Turki. Turki cempel lill-hbieb tieghu li kienet ser tinqala glieda u waslu bl-injam u sikkina u b'hekk ghaqdet. Abdallah ta daqqa ta' injama lil Ziyad u mar fil-hanut u gab sikkina u waslu l-Pulizija. Faisal Alamahad qal illi ghal-ewwel li nqala' argument kienu firduhom izda kif gew aktar nies ghaqdet u kien hemm persuna li kellu mus, izda ma rax min ta daqqa ta' sikkina lil Turki ghalkemm kien tad-daqna li kien hareg bis-sikkina, u lanqas ma ra min ta d-daqqa lil Ziyad. Minn aktar informazzjoni kien gie identifikat bhala Abdullah Sheikh Ahmad li kien ghamel il-griehi fuq Ziyad. Abdullah kien gie mitkellem fejn spjega illi hu s-sid tal-hanut u dakinhar kien wasal ghal habta ta' 12.00pm fejn sab lil hutu Ahmed u Mohammed u xi persuni ohra li dehru rrabjati. Dawn kienu marru biex isawwtu lil haddiem tieghu Turki. Hu qalilhom biex ma joqghodux quddiem il-hanut tieghu, izda huma riedu jidhlu ghal Turki.  Xi ghaxar persuni armati marru fuqu biex isawwtuh u kellu jiddefendi ruhu, lill-impjegat tieghu u l-hanut. Qabad xkupa f'idejh biex jiddefendi ruhu izda ma jiftakarx li laqat lil xi hadd. Meta ra li Turki kien qala' daqqa ta' sikkina hu kien dahal ghas-sikkina. Meta Abdul kien ser jdur ghalih kien qabad is-sikkina biex ibezzahom mhux biex juzaha. Hu indika li kien Abdullah Ahmad li wegga' lil Turki Ali u li Faisal Alahmad kien waddab it-tabella lejn il-hanut. Gie mitkellem Turki Ali li qal illi kienu marru xi hmistax-il Sirjan hdejn il-hanut u bdew jakkuzawh li kien dahal fid-dar taghhom u dahlu ghalih fil-hanut. Kif wasal l-imghallem tieghu Abdullah Sheik Ahmed, qalilhom biex jmorru l-ghassa u pprova jikkalma s-sitwazzjoni. Qamet konfuzjoni, qala' daqqa minghand Abdul u Zayed u kellhom armi f'idejhom, u Abdullah Ahmed tah daqqa bi strument li jaqta' f'saqajh u harab minn fuq il-post. Sid il-hanut kellu injama f'idejh biex ibezzahom.

Illi Mohamed Cheikh Ahmad ukoll ikkonferma li kien ra lil Faisel gej bit-tabella biex jkisser il-hanut, u lil Abdul li ta daqqa lil Turki f'saqajh b'xi haga li kellu f'idejh u lil Turki bid-demm. Cahad li huh kien ta daqqa lil Zayed. Hasan Alamad iddentifika lil Abdullah Ahmed minn *stills* li gie muri, bhala l-persuna li tad d-daqqa ta' sikkina lil Turki. Abdullah Ahmed cahad illi kien ta daqqa ta' sikkina lil Turki u cahad ukoll li kellu oggett f'idejh barra l-mobile. Izda qal li hu kien ra lil Abdullah jaghti daqqa lil Zayir b'xi injama u wara dahal fil-hanut u hareg b'sikkina u Turki hareg mill-hanut bid-demm.

Illi fl-affidavit tieghu PS 825 jghid illi fit-18 ta' Awwissu 2020 ghal habta ta' 12.30pm waqt illi kien fl-ghassa tal-Hamrun kien sema' ghajjat u

storbju li kien gej minn quddiem l-istabiliment Best Kebab fi Triq il-Kbira San Guzepp fejn kien hemm kommossjoni ta' nies f'argument. Hu flimkien ma' PC1218 marru biex jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni izda ma setghux jikkontrollawhom ghax komplew jizdiedu n-nies sakemm waslu tal-RIU u CPT. Wara li s-sitwazzjoni giet ikkontrollata kien hemm zewg persuni li sofrew xi griehi, Ziyab Alamahad u Turki Ali u ttiehdu l-isptar. Infurmaw l-iSpettur Roderick Spiteri u wara investigazzjoni gew identifikati xi nies li kienu nvoluti. Fit-13 ta' Ottubru 2023 hu kien ghamel kuntatt ma' Abdulhamad Checkhali, Hamood Abdalhady, Bendar Haj u Ahmad Sheikh Ahmad fejn dawn irraportaw l-ghassa biex jaghtu l-verzjoni taghhom li wara li tkellmu mal-avukat taghhom qalu li kienu ser jaghtu l-verzjoni taghhom quddiem il-Qorti.

Illi fl-affidavit tieghu PC1218 Kenneth Mizzi qal illi fit-18 ta' Awwissu 2023 ghal habta tan-12.30pm sema' storbju u ghajjat gej minn barra l-ghassa tal-Hamrun. Hareg flimkien ma' PS825 u osserva illi kien hemm argument bejn hafna nies quddiem il-hanut Best Kebab li jinsab fit-Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun u marru jintervjenew biex ma tkomplix tiskala izda ma rnexxielhomx ghax in-nies komplew jizdiedu sakemm gew tal-RIU u CPT.

**Ikkunsidrat**

Illi rrizulta illi waqt illi l-Pulizija kienu fl-ghassa tal-Hamrun semghu ghajjat u storbju gej mill-hanut Best Kebab fit- Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun fejn kien hemm hafna nies jargumentaw. PC 1218 u PS 825 marru biex jipprovaw jikkalmaw is-sitwazzjoni izda gew aktar nies u izjed kompliet tiskala u kellhom jassistuhom tal-RIU. Wara li kkalmat is-sitwazzjoni zewg persuni kienu sfaw feruti u kellhom jittiehdu l-isptar. Mill-affidavit tal-Pulizija li gew ipprezentati u marru fuq il-post, l-ebda persuna ma giet identifikata, ghalkemm kienu huma li marru biex jikkalmaw is-sitwazzjoni. Apparti ix-xhieda tal-Pulizija permezz tal-affidavit, ma ngabux xhieda ohra li identifikaw lill-imputat, u kien biss fl-affivadit tal-iSpettur li gew indikati l-persuni li kienu prezenti li saru maghrufa wara l-investigazzjoni tieghu.

Illi wara li rat id-dokumenti kollha kif ukoll il-provi migjuba hija konvinta illi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputat sal grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati u qed tilliberah mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**